**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta 24 ta' Ottubru 2023**

**Talba numru 241/2023 SFJ**

**PAUL CAMILLERI (K.I. 24555M) F'ISMU PROPJU U**

**GĦAN-NOM TAD-DITTA PAUL CAMILLERI & ASSOCIATES**

**VS.**

**SACHA MELI (K.I. 486391 M)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-18 ta' Lulju 2023 li permezz tiegħu l- atturi esponew u talbu:

> *"Illi l-konvenut Sacha Meli għandu jagħti lill-attur Paul Camilleri, f'ismu propju u għan-nom tad-ditta Paul Camilleri & Associates, is-somma ta' elf, seba' mija u sitta w ħamsin ewro u erbgħq w tletin ċenteżmu (Eur 1,756.34), liema somma tirrappreżenta bilanċ tad-drittijiet dovuti lilhom għal servizzi professjonali ta' periti, arkitetti w inġinerija ċivili, kif ukoll spejjes inkorsi mill-istess attur, pro et nomine, relatati mal-istess servizzi, ilkoll reżi li l-konvenut, fuq talba w istruzzjonijiet tiegħu stess, in konnessjoni mall-propjeta' San Andrea*

*Apartments, Block D, Flat 4, Triq Sant Andrija, Swieqi, u dan kif jirriżulta mir-'request for payment' anness bħala DOK A;*

*Illi minkejja li l-konvenut ġie mitlub diversi drabi sabiex iħallas l-ammont fuq imsemmi, anki permezz ta' ittai uffiċjali datata 29 ta' Marzu 2023, li ġġib in-numru 873/2023, liema ittra saret skont il-proċedura tal-Artiklu 166A tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u ma setgħatx tiġi notifikata lilu nonostante d-diversi tentattivi, minħabba li għamel minn kollox biex evita t-tali notifika, huwa baqa' inadepjenti. Għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Bl-ispejjes u d-drittijiet u bl-imgħaxijiet legali sa mid-data tal-ittra uffiċjali tad-29 ta' Marzu 2023, kontra l-konvenut li minn issa qed jiġi nġunt għas-subizzjoni.*

Ra li l-konvenut ġie notifikat fit-8 ta' Awissu 2023.

Illi l-konvenut, fl-4 ta' Ottubru 2023, kien ippreżenta noti fejn informa lil dan l-Onorabbli Tribunal li kien ħallas l-ammont ta' is-somma ta' elf, seba' mija u sitta w ħamsin ewro u erbgħq w tletin ċenteżmu (Eur 1,756.34), kif ukoll kien annetta prova ta' ħlas mal-istess nota, immarkata bħala DOK A.

**<u>Provi Mressqa w Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

Barra min-nota hawn fuq indikata w ippreżentata fl-4 ta' Ottubru 2023, is-seduta tal-10 ta' Ottubru 2023, għalkemm il-konvenut imsejjaħ tliet darbiet u ma deherx, l-Avukat Sant Fournier ippreżentat nota fejn ċediet it-talba fir-rigward tas-sorte u żammet ferm fir-rigrward tal-ispejjes u l-imgħax.

Dakhinar stess, kien xehed l-attur Paul Camilleri fejn hu kkonferma li kien tħallas is-sorte iżda mhux l-ispejjes u l-imgħaxx. L-attur, fis-seduta stess, ukoll, kien iddikjara li m'għandux iżjed provi x'jippreżenta u għalhekk, il-kawża kienet marret għas-sentenza għall-24 ta' Ottubru 2023.

It-Tribunal kien ipprovdut prova ċara tal-ħlas tas-sorte, iżda josserva illi l-atturi żammew ferm fir-rigward tad-drittijiet li għandhom sabiex jiġbru l-ispejjes li nefqu kif ukoll l-imgħaxx.

It-Tribunal osserva illi ġiet preżentata, mal-avviż, l-ittra uffiċjali li ntbagħtet taħt il-Kap 166A, fid-29 ta' Marzu 2023, li tindika l-ispejjes inkorsi f'din l-istess ittra.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, wara li sema' l-provi w għamel il-konsiderazzjonijiet tiegħu, it-Tribunal jaqta' w jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talba tal-atturi u konsegwentement jikkundanna l-konvenut iħallashom l-imgħaxxijiet mid-data tal-ittra uffiċjali ppreżentata, u cioe', mid-29 ta' Marzu 2023 sad-data tal-pagament li għamel effettiv, kif ukoll l-ispejjes tal-istess ittra w l-ispejjes ta' din il-kawża.

---

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**